



## Maestro Emanuel Bugeja - F'għeluq l-għaxar snin minn mewtu

*Is-Sur Joe Chetcuti*

Emanuel Bugeja twieled iż-Żurrieq nhar is-26 ta' Mejju tal-1923 lil Carmelo u Ġużeppa Caruana kif ukoll fi ħdan il-komunità Karmelitana tal-istess raħal. Ta' età ferm żgħira, Emanuel kien imur jitgħallem il-mużika ġewwa l-każin tal-banda Karmelitana Queen Victoria, fejn dak iż-żmien is-Surmast tal-banda inzerta kien Franġisku Bugeja. Dan mill-ewwel għaraf it-talenti sbieħ li bihom kien imżejjen iż-żagħżugħ Manweli. Il-mużika kien jeħodha bis-serjetà u ma kienx ifalli lezzjoni waħda. Emanuel Bugeja ħareġ idoqq għall-ewwel darba mal-Banda Karmelitana fl-1937, u minn dakinhar 'il quddiem qatt ma ħares lura, anke meta faqqgħet il-gwerra fejn hu kellu jidħol fl-armata, fejn ukoll kien ingaġġa bħala bandist. L-ingaġġ tiegħu fl-armata serva sabiex Emanuel Bugeja ltaqa' ma ħadd ħlief il-Maġġur Anthony Aquilina.



Taħt il-Maġġur Anthony Aquilina, Emanuel Bugeja tgħallem ħafna u anke kompla bl-istudji tiegħu fejn kien ipperfezzjona għall-aħħar b'ħila, dejjem taħt ir-reġija tal-Maġġur Aquilina. Emanuel Bugeja qatt ma kkuntenta b'dak li kien jaf, għalhekk kien ħa l-lezzjonijiet taħt Maestro Vincenzo Costa u aktar tard imbagħad studja taħt Mro. Joseph Stivala. Kien hawn li Emanuel Bugeja kiseb id-diploma MUS LCM. Ir-rabta u l-ħbiberija li kien hemm bejn il-Maġġur Anthony Aquilina u Emanuel Bugeja rabbiet l-għeruq fl-armata, u wara anke mal-Banda Ċittadina King's Own. Kemm mal-banda tal-armata kif ukoll mal-Banda King's Own, Emanuel Bugeja kemm-il darba dderieġa fl-assenza tal-Maġġur Anthony Aquilina.

Maestro Emanuel Bugeja studja l-pjanu u l-orkestrazzjoni taħt is-surmast u bravu direttur, Patri Albert Borg tal-ordni Agostinjana. It-talenti kbar li kellu wassluh ukoll biex jibda jikkomponi. Sadanittant il-kumitat tal-Banda Karmelitana Queen Victoria, meta nħolqot l-okkażjoni, ma qagħadx jaħsibha darbtejn milli jinnomina lil Maestro Emanuel Bugeja bħala s-Surmast Direttur tal-Banda Karmelitana Queen Victoria, u fil-fatt inħatar direttur tal-banda fl-1959 u baqa' jokkupa l-istess kariga sal-1991. Għal 32 sena sħaħ, Maestro Emanuel Bugeja ħadem fi ħdan il-banda b'għaqal u serjetà u rnexxielu jagħmilha waħda mill-iktar imfittxija għas-servizzi tagħha. Għal perjodu sew ta' snin, il-Banda Queen Victoria setgħet tiftaħar li kellha l-akbar numru ta' bandisti tal-post, fejn parti kbira minn dan il-mertu jmur lejn is-Surmast Emanuel Bugeja.

Il-popolarità tal-Banda Karmelitana Queen Victoria kibret mal-popolarità tas-Surmast Emanuel Bugeja, fejn mill-pinna tiegħu bdew ħerġin marċi brijużi li kienu l-għaxqa mhux tal-Karmelitani biss, imma tad-dilettanti tal-marċi Maltin imxerrdin ma' Malta u Għawdex. Id-direzzjoni mużikali tiegħu kienet impekkabbli, fejn kien idderieġa l-Banda Queen Victoria nhar il-festi tal-Indipendenza fl-1964, meta l-banda kienet ġiet ikkummissjonata sabiex ittella' programm fi Pjazza Reġina l-Belt Valletta. Għal darba oħra, programm mużikali ieħor kbir kien sar fi Pjazza

Reġina f'għeluq l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tas-Soċjetà Filarmonika Nazionale La Vallette fl-1974. Kunċert ieħor kbir sinfoniku li jġib memorji sbieħ lis-Surmast Emanuel Bugeja huwa dak imtella' fis-sena tal-1976 ġewwa ż-Żurrieq mill-Banda Karmelitana Queen Victoria, fejn dakinhar l-okkażjoni kienet l-inawgurazzjoni tal-Planċier li kien ġie rinnovat b'sengħa kbira. Il-mistednin distinti dakinhar kienu l-Eċċellenza Tiegħu Sir Anthony Mamo, u l-Arċisqof ta' Malta Monsinjur Mikiel Gonzi. Dakinhar kienet indaqqet għall-ewwel darba l-overture Luliana, li hija kompożizzjoni tal-istess Surmast Emanuel Bugeja.

Kompożizzjonijiet oħra tas-Surmast Emanuel Bugeja huma l-Omaggio alla Queen Victoria li huwa kien ikkompona fl-1959, kif ukoll l-Innu San Ġużepp flimkien mal-overture Karmelitana. Emanuel Bugeja huwa wkoll il-kompożitur tal-Innu-marċ Jum il-Ħelsien, li kien ġie rekordjat fit-Teatru Manoel nhar il-festi tar-Repubblika fl-1979. Wara servizz kontinwu ta' 32 sena sħaħ mal-Banda Karmelitana Queen Victoria taż-Żurrieq, Maestro Emanuel Bugeja ddeċieda li jirtira mid-direzzjoni tal-banda fis-sena 1991. Bħala apprezzament u b'sinjal ta' rispett, il-Kumitat u membri miġbura f'seduta msejħa apposta, ħatru lis-Surmast Emanuel Bugeja bħala President Onorarju tas-Soċjetà. L-irtirar tiegħu mill-kariga ma waqqfux milli jkompli l-ħidma tiegħu bħala kompożitur, fejn huwa baqa' jikteb il-marċi sbieħ brijużi li huma mfittxija mid-dilettanti u l-każini tal-Banda f'Malta u Għawdex.

Il-funeral tiegħu sar nhar it-Tlieta, 30 ta' Ġunju 2009. Beda mill-isptar Mater Dei għal Vjal il-Blue Grotto, fejn fit-tlieta ta' wara nofsinhar il-kadavru tiegħu ntlaqa' mill-Banda Queen Victoria taħt id-direzzjoni tas-Surmast Alfred Farrugia u numru kbir ta' delegazzjonijiet mill-każini tal-banda f'Malta bl-istandardi rispettivi tagħhom. Mal-wasla tiegħu, it-tebut ġie mgħotti bl-standart tal-Banda Queen Victoria rregalat fis-sena 1974. Il-korteo, bid-daqq ta' marċi funebri miktuba minnu stess, mexa tul Triq Dun Ġużepp Zammit, Misraħ Mattia Preti, Triq Mons. P. P. Saydon u Misraħ ir-Repubblika. Kienet tislima tassew xierqa min-naħa tas-soċjetà hekk kif it-tebut, li kien merfugħ mill-membri tal-Kumitat, wasal quddiem il-każin, infetaħ il-bieb u ndaqq l-*Omaggio alla Queen Victoria* (l-Innu tal-Banda), kompożizzjoni tiegħu stess. F'dan il-mument, il-membri tas-Sezzjoni Nisa ħarġu fil-gallarija u tefgħu l-fjuri għal fuq it-tebut waqt li l-bandiera tas-soċjetà ttellgħet sa fuq b'sinjal ta' rispett. Imbagħad il-korteo kompla sal-Knisja Arċipretali, u fl-erbgħa ta' wara nofsinhar bdiet il-quddiesa praesente cadavere. Wara l-quddiesa saret id-difna fil-qabar tal-familja numru 124A ġewwa ċ-Ċimiterju ta' San Leone, Bubaqra.




